

Brussell, 20 ta' Ġunju 2022
(OR. fr)

10391/22

LIMITE

COPS 284
CFSP/PESC 814
CSDP/PSDC 379
RELEX 828
POLMIL 149
COAFR 146
EPF AM 56

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Suġġett:	Nota kunċettwali dwar miżura ta' assistenza taħt l-EPF b'appoġġ għall-iskjerament tal-Forzi ta' Difiża tar-Rwanda fil-Mozambique - Approvazzjoni

1. Fit-3 ta' Mejju, f'konformità mal-Artikolu 57(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi Faċilità Ewropea għall-Paċi (EPF), ir-Rappreżentant Għoli ppreżenta lill-Kunsill nota kunċettwali dwar miżura ta' assistenza taħt l-EPF b'appoġġ għall-iskjerament tal-Forza ta' Difiża tar-Rwanda (FDR) fil-Mozambique (ST 8539/22).
2. L-objettiv tal-miżura ta' assistenza huwa li jingħata appoġġ biex ikompli l-iskjerament ta' unitajiet tal-FDR f'Cabo Delgado, fit-tramuntana tal-Mozambique, biex jespandu, jiproteġu u jżommu l-kisbiet territorjali u tattiċi li kisbu s'issa. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-miżura ta' assistenza proposta huwa konformi mal-Artikolu 1(2)(b)(ii) tad-Deċiżjoni EPF, peress li tappoġġa l-aspetti militari ta' operazzjoni ta' appoġġ għall-paċi mmexxija minn pajjiż terz.
3. Il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) eżamina n-nota kunċettwali fil-laqgħa tiegħu tat-13 ta' Mejju u inkariga lill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Afrika (COAFR), f'konsultazzjoni mal-Grupp Politiku/Militari (PMG), biex jivvaluta u jagħti rakkomandazzjoni dwar din in-nota.

4. Fil-25 ta' Mejju, il-COAFR, f'konsultazzjoni mal-PMG, adotta pożizzjoni li fiha:
- a) enfasizza l-importanza tal-aċċess, il-monitoraġġ u r-rapportar regolari;
 - b) enfasizza l-importanza li tiġi żgurata l-konformità mad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u mad-dritt umanitarju internazzjonali, filwaqt li appella biex jiġu stabbiliti salvagwardji b'saħħithom u mekkaniżmi ta' monitoraġġ qabel l-ġhoti tal-assistenza proposta;
 - c) appella għal tisħiħ ulterjuri tas-sjieda reġjonali u l-koordinazzjoni bejn il-partijiet ikkonċernati differenti;
 - d) enfasizza l-valur miżjud tal-approċċ integrat għall-kriżi f' Cabo Delgado.

Abbażi ta' dan u mingħajr preġudizzju għad-diskussjonijiet li għaddejjin f'fora oħra, il-COAFR ivvaluta b'mod pożittiv in-nota kunċettwali, b'mod partikolari fir-rigward ta' ammont ta' referenza massimu ta' EUR 20 miljun u perjodu ta' implimentazzjoni li ma jaqbiżx sena.

5. Fis-16 ta' Ġunju, il-KPS approva n-nota kunċettwali u qabel li din għandha tiġi ppreżentata lill-Kunsill għall-approvazzjoni.
6. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jirrakkomanda lill-Kunsill japprova n-nota kunċettwali kif tinsab fid-dokument ST 8539/22.